# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **164/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**CREMONA STEPHEN** [K.I. NRU. 389366M]
**U GILLIERU RESTAURANT LIMITED** [REG. NRU. C-16336]
**U GILLIERU HARBOUR HOTEL LIMITED** [REG. NRU. C-13931]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-23 ta' April, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsuha s-somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€2,324.68c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija marbut mal-kont bin-numru 40165905 kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 1831/2017) u l-imghax legali fuq l-imsemmija somma;

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti naqsu milli jipprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deheru personalment (jew tramite rapprezentant taghhom) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuti gew debitament notifikati bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 25) u la ressqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghhom sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenuti waqghu fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018.

Fl-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018 gie registrat bil-gurament tar-rapprezentant ta' l-attrici hekk: "*Deher Paul Gatt in rapprezentanza tas-Socjeta' Attrici illi bil-gurament, somministrat seduta stante, iddikjara illi l-ammont ta' EUR2,324.68 ghadu interament dovut mill-Konvenuti u li l-ebda pagament akkont ma sehh fil-mori tal-proceduri. Paul Gatt fl-istess kapacita' jikkonferma bil-gurament l-istatement a fol.2 u a tergo ta' fol.2. u jikkonferma illi l-account holder huwa 'Gillieru Restaurant'*." Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pertinent in atti li jixhdu dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u mill-assjem taghhom jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenuti, solidarjament bejniethom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-istess socjetà attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin ewro centezmi (€2,324.68c), bl-imghaxijiet kummercjali skond l-Artikolu 26C tal-Kodici ta' Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) mit-22 ta' Gunju, 2013 (i.e., "*ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt*" skond ic-citata disposizjoni) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri u dawk ghalihom accessorji, inkluz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 1831/2017, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuti, solidalment bejniethom.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*